# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri

## Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Nru. 17**

L-Erbgħa, 20 ta' Awwissu 2025

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fil-5:00 ta' filgħaxija.

---

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 17A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

## 17.1 Talba

17.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard fejn irringrazzja lill-kunsilliera talli qablu li l-laqgħa ssir illum 20 ta' Awwissu 2025 minflok il-Ġimgħa 22 ta' Awwissu 2025.

## 17.2 Ittri ta' Apoloġija

17.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 17.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

17.3.1 Il-Minuti tal-laqgħa numru 16 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 17.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

17.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li rċieva *email* mingħand il-*Planning Authority* datata 13 ta' Awwissu 2025 fejn hemm talba sabiex isir kiosk fl-inħawi ta' Ta' Pinu. Ġie vverifikat fejn ser isir dan il-kiosk u rriżulta li t-talba hija li l-kiosk isir fil-parking. Tali parking huwa privat.

17.4.2 *Email* mibgħuta mill-uffiċċju tal-Ombudsman datata 30 ta' Lulju 2025, fejn qiegħed jiġi kkupjat il-kunsill fejn qed jgħarrfu li fil-parking ta' Ta' Pinu kien hemm xi persuna weġġgħet minħabba l-istat tal-art u li hemm bżonn li tali jitranġa. Bħal ma ġia ġie ndikat tali parking huwa privat.

17.4.3 *Email* mingħand ir-Reġjun Għawdex datata 31 ta' Lulju 2025 minħabba l-bring-in sites fejn qed jaraw hemmx bżonn ta' aktar *bins* f'tali *sites*. Il-Kunsilliera qablu li ma hemmx bżonn ta' aktar *bins*.

17.4.4 *Email* mibgħuta mingħand Coaltion Gozo datata 2 ta' Awwissu 2025 fejn qed jiġi rrimarkat li hemm xi persuna li qed tikri s-*sun beds* u l-umbrelel f'Wied l-Għasri u għalhekk talbu lill-Kunsill jekk min-naħa tiegħu ħariġx xi permess għal tali. Min-naħa tiegħu l-Kunsill ma joħroġx tali permessi iżda dawn joħorġu mill-*Malta Tourism Authority.* Is-Sindku rrimarka li għandu jiġi vverifikat jekk tali persuna għandhiex il-permessi neċessarji u jekk tali persuna għandha l-permessi neċessarji, tali persuna m'għandhiex tokkupa l-bajja kollha bid-*deckchairs* iżda tħalli l-ispazju għall-għawwiema l-oħra li ma jikrux tali *deckchairs.*

17.4.5 *Email* mingħand Solene Deveaux datata 12 ta' Awwissu 2025 fejn qed

jiġi mgħarraf li l-għawwiem Neil Agius ser jagħmel il-Gozo 7 Swim u li huwa maħsub li nhar il-Ħamis 4 ta' Settembru, Neil Agius ser jispiċċa l-għawma tiegħu f'Wied l-Għasri u nhar il-Ġimgħa 5 ta' Settembru, Neil Agius jibda l-għawma tiegħu minn Wied l-Għasri. Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni għal tali event u xtaqu s-suċċess lil Neil Agius f'din il-Gozo 7 Swim. Rigward aċċess u sinjali dawn għandhom jiġu miftehma mal-*Malta Tourism Authority.*

17.4.6 *Email* mingħand Reġjun Għawdex datata 30 ta' Lulju 2025 rigward Proposta ta' Proġett Kulturali Edukattiv. Għandu jiġi vverifikat jekk hemmx xi persuna li tista' torganizza xi attività', jekk iva tintbagħat risposta li l-kunsill huwa nteressat f'tali proposta.

17.4.7 *Email* mingħand il-kuntrattur The Ladder Consultancy Limited datata 8 ta' Awwissu 2025, fejn qed jgħarraf lill-kunsill li tali kumpanija mhux ser tibqa topera mit-30 ta' Settembru 2025.

17.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li rċieva mingħand il-kuntrattur JRN Services l-istima relatata max-xogħolijiet neċessarji sabiex titranġa Triq il-Kanun, li tammonta għal €14,000 mingħajr VAT. Din l-istima hija għal tindif, tqegħid ta' xibka u twittija tal-konkos fi Triq il-Kanun. L-istima ma tinkludix jekk ikun hemm bżonn taħmil ta' biċċa mit-triq u lanqas il-konkos. Is-Sindku, l-Viċi Sindku, u l-kunsilliera Salvu Felice Pace u Elizabeth Mintoff qablu ma tali stima u li għandhom isiru x-xogħolijiet neċessarji.

17.4.9 Resident talab li jsiru *double yellow line* quddiem il-Villaġġ tal-Fanal, fi Triq il-Fanal. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara li spjega lir-resident x'inhi l-proċedura sabiex tali talba tiġi aċċettata jew rifjutata, huwa ġie mgħarraf minn residenti oħra li tali *double yellow line* sar mingħajr permess. Il-kunsilliera qablu li dan għandu jitneħħa u li f'tali żona mhemmx lok li jsiru *double yellow lines.*

17.4.10 *Email* mingħand Reġjun Għawdex datata 28 ta' Lulju 2025, rigward it-tiġdid tal-kuntratt relatat mal-librerija. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat l-informazzjoni rikjesta u qed jistenna li jintbagħat il-kuntratt finali.

17.4.11 *Email* mingħand Events in Gozo datata 18 ta' Awwissu 2025, sabiex jintbagħat il-programm relatat mal-Milied u dana sa mhux aktar tard mill-21 ta' Settembru 2025.

17.4.12 *Email* mingħand Reġjun Għawdex datata 14 ta' Awwissu 2025, rigward *Participation in Story Stops*. Il-kunsilliera qablu unanimament ma tali proposta.

17.4.13 *Email* mingħand resident datata 18 ta' Awwissu 2025, fejn qed jiġi rrapurtat li għandu bankina mkissra fi Triq il-Fanal, u talab li tiġi rranġata. Il-kunsilliera qablu li qabel ma titranġa l-bankina għandu jiġi vverifikat meta ser jitlestew ix-xogħlijiet fil-post u hekk kif jitlestew għandu jitqabbad il-kuntrattur sabiex tali bankina tiġi rranġata.

17.4.14 Is-Sindku rrimarka li qabel ma tibda x-xita għandhom jitnaddfu l-gutters li hawn madwar ir-raħal. Il-Kunsilliera qablu li għandhom jitnaddfu mill-kuntrattur.

## 17.5 Tweġibiet għall-Mistoqsija tal-Kunsilliera

17.5.1 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba saqsa jekk hux ser jintramaw is-siġar tal-main road fi żmien il-Milied. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li f'laqgħa preċedenti kien diġà ġie maqbul li tali għandhom jintramaw għal żmien il-Milied, peress li kienet saret l-applikazzjoni mad-Dipartiment għal skema relattiva pero' nfurmah ukoll li sal-ġurnata tal-lum għad ma hemmx risposta jekk tali applikazzjoni ġiet aċċettata jew le.

17.5.2 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa jekk hemmx xi progress rigward Triq Wied Sara. Huwa ġie nfurmat li qed nistennew data sabiex issir laqgħa mal-Ministru.

17.5.3 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba saqsa rigward d-devoluzzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li qed jistenna li jkollu f'idejh l-*audited accounts* mingħand l-awdituri sabiex ikun jistgħa jibgħathom, peress li kienu ġew mitluba mid-Dipartiment.

## 17.6 Materji oħra

17.6.1 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace informa li kien hemm żewġ parteċipanti għall-kompetizzjoni tal-poeżiji u li issa l-Bord ser jagħżel l-aħjar poeżija sabiex tiġi sottomessa lir-Reġjun għall-pubblikazzjoni fil-ktieb li għandhom jippubblikaw.

17.6.2 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace informa li r-Reġjun jixtieq li fl-1 ta' Novembru 2025 tiġi organizzata xi ħaġa relatata mal-patrun tal-parroċċa. Huwa tkellem mal-kappillan sabiex tkun tista' tiġi organizzata tali u ġie maqbul li tista' tintuża s-sala taċ-ċentru. Għal dan il-għan għandha tinħareġ *newsletter* sabiex tistieden lir-residenti sabiex jekk għandhom xi statwi jew materjal ieħor relatat mas-Salvatur jew mal-festa dawn ikunu jistgħu jiġu esebiti.

17.6.3 Ġie rrimarkat li qabel ma taqbad it-tela' tal-Fanal sar att vandalu fuq ħajt tas-sejjieħ fejn tali ħajt ġie miżbugħ. Sar rapport sabiex jiġi/u identifikat/i l-persuna/i li għamlu tali att vandalu iżda l-camera li hemm installata f'dik it-triq hija ferm il-bogħod u huwa diffiċli li tali jistgħu jinqabdu. Peress li tali ħajt tas-sejjieħ m'ilux li nbena mill-ġdid għandu jiġi vverifikat mal-kuntrattur li għamel tali xogħolijiet jekk tali jistax jitnaddaf/jitranġa min-naħa tiegħu.

17.6.4 Ġie rrimarkat ukoll li fi Triq it-Tamar intrema xi żibel fuq bank. F'tali triq m'hemmx *cameras* u għalhekk huwa diffiċli li tinqabad il-persuna li ħalliet tali żibel.

17.6.5 Residenta kkumplenjat li f'ċertu toroq qed jgħaddu l-*quad bikes* u qed jagħmlu ħafna storbju. Is-Segretarju nfurmha li f'ċertu toroq iridu jitwaħħlu tabelli bl-i*speed limit* u rigward l-istorbju ma jista' jsir xejn.

17.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li qed nirċievu l-kontijiet tad-dawl relatat mas-CCTV installata fil-pjazza, li dawn qed ikunu ferm għoljin peress li sal-ġurnata tal-lum għadu qatt ma nqara l-meter. Huwa bagħat jitlob li l-meter jinqara peress li l-kont huwa għoli ħafna.

17.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li minħabba l-problema ta' ċertu dwal li hemm fi Triq Wied Sara, huwa rċieva risposta mingħand l-Enemalta li l-problema mhux min-naħa tagħhom. Ġie nfurmat Reġjun Għawdex, li min-naħa tagħhom bagħtu *email* sew lill-inġinier tal-Enemalta u lill-kuntrattur sabiex jivverifikaw eżattament x'inhi l-problema.

17.6.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li xi nies li ser ikunu qed isiefru għall-ġita tal-Italja organizzata mill-kunsill, qed jistaqsu jekk hux ser ikun hemm trasport ipprovdut mill-Pjazza tal-Għasri sal-vapur/airport. Il-kunsilliera qablu li tali għandu jiġi pprovdut a spejjeż tal-kunsill.

17.6.9 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba saqsa jekk tistax issir trinka mill-garaxx tal-kappillan sar-*roundabout* sabiex ikunu jistgħu jissaqqew il-pjanti li hemm, peress li bħalissa qed jingħadda pipe minn fuq it-triq u qed ikun ta' nkonvenjet għat-traffiku. Il-kunsilliera qablu unanimament ma tali proposta u li għandu jitqabbad il-kuntrattur għal dan il-għan.

17.6.10 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba rrimarka li fi Sqaq Wied il-Qattus hemm xi katusi li qed jitfgħu l-ġebel fihom u li għalhekk għandha ssir grada. Il-kunsilliera qablu li għandu jitqabbad il-ħaddied sabiex issir il-grada neċessarja.

17.6.11 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għall-attivita’ ta’ Traditions, il-posters lesti, sar reklamar fuq il-midja soċjali, ta Transport Malta ġew avżati bl-għeluq ta’ toroq minħabba t-trasport pubbliku. Il-preparamenti mexjin ġmielhom.

## 17.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

17.7.1 Tressqet l-iskeda ta’ pagamenti numru 09-15 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata. Kopja ta’ din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 17.8 Tmiem il-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss

17.8.1 Il-laqgħa ntetmmet fis-6:00 ta’ filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 16 ta’ Settembru 2025 fil-5:00 ta’ filgħaxija.

Ikkonfermati, nhar it-Tlieta, 16 ta’ Settembru 2025.

| | |
|---|---|
| **Dr. Daniel Attard** | **Silvio Xerri** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |